



**FATTI U ĊIFRI**

**IR-RAPPORT EWROPEW DWAR**

**IS-SIGURTÀ MARITTIMA TAL-2025**

L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ MARITTIMA



European Maritime Safety Agency

### **L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima**

Praça de Europa 4,  
1249-206 Lisbona,  
il-PORTUGALL

**Tel.:** +351 211 209 200

**Internet:** [ems.europa.eu](https://ems.europa.eu)

**Mistoqsijiet:** [ems.europa.eu/contact](https://ems.europa.eu/contact)

#### **Avviż legali:**

La l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) u lanqas kwalunkwe parti terza li taġixxi f'isem l-aġenzija mhija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan ir-rapport.

#### **Avviż dwar id-drittijiet tal-awtur:**

Il-kontenut ta' dan ir-rapport jista' jiġi riprodott, adattat u/jew distribwit, b'mod sħiħ jew parzjali, irrispettivament mill-mezzi u/jew mill-formati użati, diment li l-EMSA tiġi rikonoxxuta bħala s-sors oriġinali tal-materjal. Tali rikonoxximent irid jiġi inkluż f'kull kopja tal-materjal. Jistgħu jsiru referenzi minn dan il-materjal mingħajr permess minn qabel, diment li jiġi rikonoxxut is-sors. Il-permessi msemmija hawn fuq ma japplikawx għal elementi f'dan ir-rapport fejn id-drittijiet tal-awtur huma ta' parti terza. F'każijiet bħal dawn, il-permess għar-riproduzzjoni għandu jinkiseb mingħand id-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

Dan ir-rapport u kwalunkwe materjal assoċjat huma disponibbli online fuq [ems.europa.eu](https://ems.europa.eu)

#### **© L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, 2025**

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq [https://european-union.europa.eu/index\\_mt](https://european-union.europa.eu/index_mt).

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

ISSN: 2443-6224

ISBN: 978-92-95229-36-5

doi: 10.2808/2921205

Numru tal-Katalogu: TN-01-25-001-MT-N

Ritratt tal-qoxra: Wojciech Wrzesień/Adobe Stock



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea



# Introduzzjoni

It-tieni edizzjoni tar-*Rapport Ewropew dwar is-Sigurtà Marittima (Emsafe)*, riveduta u aġġornata bis-sħiħ, tiffoka fuq kwistjonijiet attwali li għandhom impatt fuq it-tbaħħir u fuq is-sigurtà fl-Unjoni Ewropea (UE). B'mod ġenerali, Emsafe għandu l-għan li jikkontribwixxi għal fehim akbar tal-isfidi u l-opportunitajiet relatati mas-sigurtà li qed jiffaċċja s-settur marittimu billi jiġbor flimkien sett ta' *data* teknika ewlenija, mill-bażijiet tad-data tal-EMSA stess u esternament, relatata mas-sigurtà tal-bastimenti u l-operat tagħhom.

L-Emsafe juża data u informazzjoni mill-2019 sal-2023, perjodu li fih l-avvenimenti globali kellhom impatt sostanzjali fuq is-settur marittimu. Il-pandemija tal-COVID-19, l-impatt tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE u l-effetti kaskati mill-kunflitti internazzjonali, inkluż l-invażjoni tal-Ukrajna u s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, kollha influwenzaw b'mod sinifikanti l-flussi tat-traffiku marittimu.

F'dan il-kuntest, din it-tieni edizzjoni tal-Emsafe tanalizza t-tentattivi tas-settur marittimu biex iżomm il-livelli ta' sigurtà filwaqt li fl-istess ħin jadatta għal xenarju regolatorju li qed jevolvi u jindirizza sfidi addizzjonali bħat-tiqdim tal-flotta, id-diġitalizzazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni u l-ħtieġa li jżomm u jattira forza tax-xogħol ikkwalifikata.

Barra minn hekk, mill-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport fl-2022, l-aċċidenti marittimi ta' profil għoli, inklużi n-nirien abbord l-*MV Fremantle Highway* u l-*Felicity Ace*, enfasizzaw riskji ġodda għas-sigurtà li l-industrija għandha taħdem biex timmitiga.





# Is-settur marittimu tal-UE



© Naypong / Getty Images


It-trasport marittimu huwa essenzjali għall-ekonomija globali, u jgħorr aktar minn 80 % tal-kummerċ dinji skont il-volum. Il-portijiet tal-UE mmaniġġjaw aktar minn 3 375 miljun tunnellata ta' merkanzija fl-2023, li 39 % minnhom kienu jikkorrispondu għat-trasport nazzjonali u intra-UE.

**Kien hemm aktar minn 880 000 waqfa ta' bastimenti fil-portijiet tal-UE fl-2023**, li jirrappreżentaw żieda ta' kważi 20 % meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija. Aktar minn 50 % kienu jikkorrispondu għal traffiku domestiku, b'vapuri ro-pax u vapuri tal-passiġġieri t-tipi I-aktar komuni li jidħlu fil-portijiet tal-UE. Madwar tliet kwarti tal-bastimenti kollha li jidħlu fil-portijiet tal-UE jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, b'inqas minn 25 % rreġistrati f'pajjiż mhux tal-UE.

Matul l-2023, **395 miljun passiġġier imbarka u żbarka fil-portijiet tal-UE**, 5.5 % inqas milli fl-2019 (wara tnaqqis ta' 45 % fl-2020 minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti mill-pandemija tal-COVID-19).

Bejn l-2019 u l-2023, **it-tarzni tal-UE ammontaw għal 7.6 % tal-attività globali ta' bini ta' bastimenti ġodda**, skont l-għadd ta' bastimenti mibnija. Meta mqabbel mal-2016–2020, **is-sehem globali ta' bastimenti mibnija fl-UE fuq perjodu ekwivalenti ta' 5 snin naqas b'1.2 %**. Minkejja dan it-tnaqqis, l-UE għadha fuq quddiem fil-kostruzzjoni ta' vapuri tal-passiġġieri, bastimenti tas-sajd u bastimenti tal-provvista lil hinn mill-kosta. In-Netherlands, il-Polonja u Spanja huma l-Istati Membri li jipproduċu l-akbar għadd ta' bastimenti f'dawn il-kategoriji. Sadanittant, il-Finlandja, l-Italja u l-Ġermanja jiffokaw fuq il-bini ta' bastimenti akbar, bħal bastimenti tal-kruċiera.

**Figura 1:** L-għadd ta' bastimenti li għadhom kif inbnew skont it-tip ta' bastiment fl-UE u madwar id-dinja u s-sehem tal-bini tal-UE skont it-tip ta' bastiment (2019–2023) (\*).



(\*): Bastimenti tal-merkanzija b'għadd tal-OMI, awtopropulsivi, 100 GT u aktar.

Sors: EMSA

B'kuntrast għal dan, **l-industrija Ewropea għat-tagħmir marittimu hija minn ta' quddiem fid-dinja**, b'sehem mis-suq ta' 35 % għal firxa wiesgħa ta' prodotti.

Id-data mill-[Portal MED](#), il-bażi tad-data ta' referenza għall-prodotti ċċertifikati fl-UE skont id-Direttiva dwar Tagħmir tal-Baħar (id-Direttiva 2014/90/UE), turi li 45 % tat-tagħmir tal-baħar installat fuq bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE huwa mmanifatturat minn kumpaniji bbażati fl-UE.

# L-Istat tal-bandiera



© artur carvalho / Getty Images

L-Istati Membri tal-UE, fil-kapaċità tagħhom bħala stati tal-bandiera, għandhom rwol fundamentali fl-iżgurar tas-sigurtà marittima u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar. Huma għandhom jiżguraw li l-bastimenti rreġistrati magħhom (li jtajru l-bnadar tagħhom) jikkonformaw mar-regolamenti internazzjonali, tal-UE u mar-regolamenti nazzjonali rilevanti kollha, inklużi r-regolamenti dwar il-kostruzzjoni, l-operat, il-ġestjoni u r-riċiklaġġ tal-bastimenti.

## Il-flotta li ttajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE

B'kuntrast għall-flotta dinjija, li espandiet b'6 % bejn l-2019 u l-2023 biex tissodisfa d-domanda dejjem akbar, il-flotta li ttajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE naqset bi 2 %.

**Figura 2:** L-għadd ta' bastimenti rreġistrati għall-bnadar tal-Istati Membri tal-UE.

Tip ta' bastiment	2023	2019-2023
Bastimenti oħrajn tax-xogħol	4 096	4 098
Vapuri tal-passiġġieri	2 496	2 412
Tankers	2 110	2 288
Bastimenti ta' merkanzija ġenerali	1 579	1 642
Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa	1 105	1 314
Bastimenti tal-kontejners	1 095	1 096
Bastimenti tal-merkanzija ro-ro	418	394
Bastimenti oħra tal-merkanzija	110	89
<b>Total</b>	<b>13 009</b>	<b>13 333</b>

Sors: EMSA

Fl-2023, il-flotta li ttajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE kienet tirrappreżenta madwar 13 % tal-flotta dinjija skont l-għadd ta' bastimenti u madwar 16 % tat-tunnellaġġ gross globali (GT).

Filwaqt li t-tunnellaġġ globali żdied bi 13.8 % mill-2019 sal-2023, it-tunnellaġġ tal-Istati Membri tal-UE naqas b'1 % fl-istess perjodu. Il-proporzjon tat-tunnellaġġ tal-Istati Membri tal-UE meta mqabbel mal-ekwivalenti globali naqas minn 18.7 % fl-2016 għal 17.8 % fl-2020 u għal 15.8 % fl-2023.

## Is-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri fl-UE

L-għadd ta' vapuri tal-passiġġieri rreġistrati fl-Istati Membri tal-UE żdied bi kważi 2 % mill-2019 sal-2023, b'vapuri ro-pax u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri (HSC) li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE li jirrappreżentaw aktar minn **30 % tal-flotta dinjija ta' dawk it-tipi ta' vapuri u aktar minn 50 % f'termini ta' GT**. Barra minn hekk, l-għadd ta' HSC li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE żdied bi 17 % fl-istess perjodu.

Minkejja ż-żieda fl-għadd ta' vapuri tal-passiġġieri fl-UE, ma kien hemm l-ebda tnaqqis fl-età medja tagħhom. **Mill-2023, l-età medja tal-vapuri tal-passiġġieri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE kienet ta' 29 sena, żieda minn 28 sena fl-2019.**

**Figura 3:** L-età medja (skont it-tip ta' bastiment) tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE meta mqabbla mal-flotta dinjija.

	Flotta li ttajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE	Flotta dinjija
Vapuri tal-passiġġieri	29	28
Bastimenti oħrajn tax-xogħol	26	24
Bastimenti ta' merkanzija ġenerali	22	26
Bastimenti tal-merkanzija ro-ro	18	20
Bastimenti oħra tal-merkanzija	17	30
Tankers	14	18
Bastimenti tal-kontejners	13	14
Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa	12	13

Sors: EMSA

Din ix-xejra tista' tintrabat direttament ma' **bastimenti eżistenti li jaqilbu minn bandiera ta' Stat mhux membru tal-UE għal bandiera ta' Stat Membru tal-UE.**

**Figura 4:** L-għadd ta' bidliet tal-bandiera skont it-tip ta' bastiment fir-rigward tal-bnadar tal-Istati Membri tal-UE (2019–2023).

	Stat Membru tal-UE lejn Stat Membru tal-UE	Stat mhux membru tal-UE lejn Stat Membru tal-UE	Stat Membru tal-UE lejn Stat mhux membru tal-UE	Bilanċ
Tankers	388	685	1108	-423
Bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa	125	404	769	-365
Bastimenti ta' merkanzija ġenerali	475	577	687	-110
Bastimenti tal-kontejners	380	683	729	-46
Bastimenti tal-merkanzija ro-ro	51	57	71	-14
Vapuri tal-passiġġieri	254	97	118	-21
Bastimenti oħra tal-merkanzija	43	38	9	29
Bastimenti oħrajn tax-xogħol	642	505	612	-107
<b>Total</b>	<b>2 358</b>	<b>3 046</b>	<b>4 103</b>	<b>-1 057</b>

Sors: EMSA


Mill-2019 sal-2023, 35 % aktar bastimenti ttrasferew 'il barra minn bandiera ta' Stat Membru tal-UE milli ttrasferew 'il ġewwa minn bnadar barra mill-UE. Il-biċċa l-kbira tal-bastimenti li jtilqu mill-bnadar tal-Istati Membri tal-UE kienu bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa, tankers taż-żejt u tal-kimika u bastimenti tal-merkanzija ġenerali.

L-età medja tal-vapuri tal-passiġġieri li ttrasferew għal bnadar tal-Istati Membri tal-UE kienet ta' 18-il sena (21 sena fil-każ ta' ro-pax). **Aktar minn terz ta' dawn il-vapuri kellhom età ta' aktar minn 25 sena meta nbidlu għall-bnadar tal-Istati Membri tal-UE.**

Ix-xejra ta' tiqdim tal-vapuri tal-passiġġieri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE hija qasam ta' tħassib. B'mod ġenerali, l-istandards tas-sigurtà ma jiġux applikati b'mod retroattiv, li jfisser li l-vapuri jikkonformaw mal-istandards applikabbli fiż-żmien tal-kostruzzjoni tagħhom.

**38 % tal-vapuri tal-passiġġieri kollha li joperaw** fil-flotta li ttajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE nbnew fi żmien meta l-istandards applikabbli għall-istabbiltà tad-danni kienu dawk tal-Konferenza Internazzjonali dwar is-Sigurtà tal-Ħajja fuq il-Baħar (SOLAS) 1960 u 1974.

**Figura 5:** Il-vapuri tal-passiġġieri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE, taħt rekwiżiti differenti tal-istabbiltà tas-SOLAS dwar id-danni bbażati fuq id-data tal-bini (2023).




Sors: EMSA



## Aċċidenti

L-għadd ta' aċċidenti rreġistrati huwa indikatur affidabbli tal-prestazzjoni tas-sigurtà ta' flotta. Bejn l-2019 u l-2023, **kull sena seħħew medja ta' 2 344 aċċident li jinvolvu mill-inqas bastiment wieħed li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE**. L-għadd ta' aċċidenti rrapportati lill-Pjattaforma Ewropea ta' Informazzjoni dwar id-Diżgrazzji Marittimi (EMCIP) (ġestita mill-EMSA) matul dak il-perjodu naqas b'16 % meta mqabbel mal-perjodu kopert fl-ewwel edizzjoni tal-Emsafe.

**Figura 6:** It-total ta' aċċidenti rrapportati lill-EMCIP (2019–2023).




Sors: EMCIP (EMSA)

Aċċidenti serji (bastimenti li saritilhom ħsara sal-punt li ma baqgħux tajbin biex jipproċedu, korrimenti serji, ħsara mhux severa lill-ambjent) irrappreżentaw 27.8 % tal-aċċidenti kollha rreġistrati matul il-perjodu, filwaqt li aċċidenti serji ħafna (fatalitajiet, telf totali, ħsara severa lill-ambjent) ammontaw għal 2.2 % tat-total.

**Fl-2023, mietu 22 persuna u 741 weġġgħu f'aċċidenti li involvew bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE.** L-ogħla għadd ta' fatalitajiet seħħ f'aċċidenti li kienu jinvolvu bastimenti tal-merkanzija, li jirrappreżentaw madwar 49 % tal-flotta, segwiti mill-bastimenti tas-sajd u mill-bastimenti tas-servizz.

**Figura 7:** It-total ta' fatalitajiet irrapportati lill-EMCIP (2019–2023).



Sors: EMCIP (EMSA)

## L-Istat tal-bandiera: indikaturi tas-sigurtà

L-għadd ta' nuqqasijiet misjuba matul l-istħarriġ jew matul l-ispezzjonijiet tal-istat tal-bandiera jista' jservi wkoll bħala indikatur potenzjali tal-prestazzjoni tas-sigurtà. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda bażi tad-data ċentralizzata ta' spezzjonijiet tal-istat tal-bandiera; l-eqreb ekwivalenti fil-livell tal-UE hija l-bażi tad-data tar-reġim speċjali għall-ispezzjonijiet tar-ro-pax u l-HSC, inkluża fil-bażi tad-data THETIS-EU miżmuma mill-EMSA. Ir-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet juru li **38 % tan-nuqqasijiet kollha misjuba huma relatati mas-sigurtà kontra n-nirien.**

**Figura 8:** L-ewwel 15-il nuqqas identifikat fl-ispezzjonijiet tar-ro-pax u l-HSC (2019–2023).


Bibien/fetħiet f'diviżjonijiet reżistenti għan-nar	15%
Installazzjoni fissa tat-tifi tan-nar	12%
Apparati tal-għeluq/bibien li ma jgħaddix ilma minnhom	10%
Indafa tal-kamra tal-magni	9%
Dwal ta' emerġenza, batteriji u swiċċijiet	8%
Smorzaturi tan-nar	7%
Magna ewlenija tal-propulsjoni	6%
Eżerċizzji tal-abbandun tal-bastimenti	5%
Sistema għall-avviżi lill-pubbliku	5%
ISM	4%
Magna awżiljarja	4%
Sistema ta' detezzjoni u ta' allarm f'każ ta' nirien	4%
Dgħajjes tas-sopravivenza	4%
Mezzi ta' ħruġ	4%
Oħrajn (sigurtà kontra n-nirien)	3%

Sors: Thetis (EMSA, 2023b)

Fil-livell internazzjonali, is-sejbiet tal-Iskema ta' Verifika tal-Istati Membri tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) jipprovdu data aggregata utli. **42 % ta' dawn is-sejbiet huma relatati mal-obbligi tal-istat tal-bandiera**, bl-akbar sehem (33 %) relatat mal-implimentazzjoni, segwit mill-infurzar (17 %). Din il-klassifikazzjoni baqgħet konsistenti matul is-snin, minkejja l-għadd akbar ta' awditjar li sar bejn l-2016 u l-2022 fil-livell internazzjonali.

L-eżiti tal-ispezzjonijiet tal-kontroll tal-istat tal-port (PSC) huma wkoll indikatur tal-prestazzjoni tas-sigurtà tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE u li joperaw fuq livell internazzjonali. Fl-2023, **il-bnadar kollha tal-Istati Membri tal-UE fir-reġim tal-Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi (MoU) ġew elenkati fil-lista l-bajda ħlief waħda**, li kienet fuq il-lista l-griża.


**Figura 9:** Il-prestazzjoni tal-bnadar tal-Istati Membri tal-UE skont is-sistema tal-MoU ta' Pariġi tal-lista l-bajda, il-griża u s-sewda.



Sors: Memorandum ta' Qbil ta' Pariġi (Paris MoU)


Lil hinn mill-MoU ta' Pariġi, din it-tieni edizzjoni tal-Emsafe tanalizza l-prestazzjoni tas-sigurtà tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE fir-reġimi tal-PSC tal-MoU ta' Tokyo u l-Gwardja tal-Kosta tal-Istati Uniti (USCG). Tlieta kienu fuq il-lista l-griża tal-MoU ta' Tokyo, filwaqt li **żewġ bnadar tal-Istati Membri tal-UE tqiesu bħala ta' riskju għoli mill-USCG fl-2023**. Dawn l-indikaturi tal-prestazzjoni huma relatati ma' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE iżda li jinnegozjaw f'diversi reġjuni madwar id-dinja, barra mill-UE.

**Figura 10:** Il-prestazzjoni tal-bnadar tal-UE MoU ta' Tokyo



Sors: Tokyo MoU

**Figura 11:** Il-prestazzjoni tal-bnadar tal-UE USCG



Sors: Gwardja tal-Kosta tal-Istati Uniti (USCG)

## L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti

L-istati tal-bandiera jkomplu jiddelegaw il-kompiti lil organizzazzjonijiet rikonoxxuti, kemm għat-twettiq ta' sħarriġ statutorju kif ukoll għall-ħruġ ta' ċertifikati. **FI-2024, żewġ terzi tal-Istati Membri kollha tal-UE ddelegaw il-ħruġ taċ-ċertifikati għas-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri, kompletament jew parzjalment, lil organizzazzjoni rikonoxxuta: żieda ta' 10 % fuq l-2020.** Xejra simili nstabiet fid-delegazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali tal-Ġestjoni tas-Sikurezza.


Globalment, hemm 110 organizzazzjoni rikonoxxuta b'minn tal-inqas bandiera waħda (żieda ta' 15 % meta mqabbla mal-2020), iżda 11 biss huma rikonoxxuti mill-Kummissjoni Ewropea. L-UE tirrat ir-rikonoxximent tagħha tar-Reġistru Marittimu Russu tat-Tbaħħir f'Ottubru 2022.

## Il-bastimenti tas-sajd

Bħalissa, kważi 70 000 bastiment tas-sajd itajru bandiera ta' Stat Membru tal-UE – tnaqqis ta' 6 % mill-2020. Il-flotta li ttajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE qed tiqdiem ukoll, b'**70 % tal-bastimenti issa għandhom aktar minn 25 sena** u 2 % biss tal-flotta kollha nbnew bejn l-2019 u l-2023.


Barra minn hekk, 3 % biss tal-bastimenti tas-sajd kollha rreġistrati fi Stat Membru tal-UE għandhom tul ta' 24 metru jew aktar, b'6 % jkunu twal bejn il-15 u l-24 metru. Il-bqija (91 %) għandhom tul ta' inqas minn 15-il metru.

**Figura 12:** Id-distribuzzjoni tal-flotta tas-sajd li ttajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE skont it-tul.



Sors: DG MARE

**Figura 13:** Id-distribuzzjoni tal-flotta tas-sajd li ttajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE skont l-età.




Sors: DG MARE

Il-bastimenti tas-sajd li għandhom inqas minn 24 metru u aktar minn 25 sena issa jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-flotta ġenerali (68 %). Din ix-xejra tal-età issa hija komuni fil-meded kollha tat-tul tal-bastimenti tas-sajd, anki fil-parti tal-flotta li huma itwal minn 24 metru, li aktar minn 50 % minnhom huma bastimenti akbar fl-età.




**Figura 14:** Id-distribuzzjoni tal-età tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE skont it-tul (2023).



Sors: DG MARE

**Il-bastimenti tas-sajd huma partikolarment vulnerabbli għal aċċidenti, u b'hekk isiru prijorità għal miżuri ta' sigurtà mtejba.** Dawn il-bastimenti jammontaw għal 17 % tal-għadd totali tal-aċċidenti rreġistrati kull sena taħt l-iskop ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE, u **60 % tal-għadd totali tal-bastimenti mitlufa**. Fl-2023, 55 % ta' dawn l-aċċidenti rriżultaw f'konsegwenzi serji jew serji ħafna.

**Figura 15:** Is-sehem ta' okkorrenzi serji u serji ħafna għal kull tip ta' bastiment.



Sors: EMCIP (EMSA)

L-istandards attwali tas-sigurtà għall-bastimenti tas-sajd huma inqas stretti minn dawk għat-tbajr kummerċjali. Il-Ftehim ta' Cape Town, il-konvenzjoni internazzjonali mmirata lejn l-implimentazzjoni tal-istandards tas-sigurtà għall-bastimenti tas-sajd, għadu ma daħalx fis-seħħ. S'issa, disa' Stati Membri tal-UE biss, flimkien mal-Iżlanda u n-Norveġja, irratifikaw il-ftehim.

Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tevalwa l-implimentazzjoni tad-Direttiva 97/70/KE dwar l-istabbiliment ta' reġim armonizzat ta' sigurtà għall-bastimenti tas-sajd ta' tul ta' 24 metru jew aktar. Fl-istess ħin, ittieħdu miżuri addizzjonali li huma mistennija li jagħtu għarfien ġdid dwar il-vulnerabbiltajiet ta' dawn il-bastimenti. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Investigazzjoni tal-Aċċidenti (id-Direttiva 2009/18/KE) għie estiż biex jinkludi r-rapportar ta' aċċidenti li jinvolvu bastimenti tas-sajd b'tul ta' inqas minn 15-il metru li jinvolvu fatalitajiet u t-telf ta' bastimenti. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-PSC (id-Direttiva 2009/16/KE) iżżid reġim volontarju ġdid għall-bastimenti tas-sajd fl-iskop ta' applikazzjoni tagħha.

## L-Istat tal-port




© Monty Rakusen's Studio / Getty Images

Biż-żieda fit-traffiku marittimu u r-riskji għas-sigurtà kkawżati minn bastimenti substandard, il-PSC hija kruċjali biex tiġi żgurata l-konformità mar-regolamenti dwar is-sigurtà fl-ilmijiet tal-UE. L-Istati Membri tal-UE, bħala stati tal-port, jispezzjonaw bastimenti li jtajru bandiera barranija li jżuru l-portijiet tagħhom biex jivverifikaw li jissodisfaw standards ta' sigurtà, ambjentali u tax-xogħol. Dan iservi bħala t-tieni linja ta' difiża kontra t-tbaħħir substandard, li jikkomplementa r-responsabbiltajiet tal-istati tal-bandiera.

**L-għadd ta' spezzjonijiet tal-PSC imwettqa kull sena fl-UE skont il-MoU ta' Pariġi jibqa' aktar minn 14 000** wara l-irkupru mill-perjodu tal-COVID-19. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri reġġu bdew l-isforzi ta' spezzjoni tagħhom, li f'xi każijiet imorru lil hinn miċ-ċifri tagħhom ta' qabel il-pandemija.

**Figura 16:** L-għadd ta' bastimenti individwali spezzjonati, u l-ispezzjonijiet totali tal-PSC imwettqa, mill-Istati Membri tal-UE (2019–2023).



L-Istati tal-port esklużi: Il-Kanada, il-Federazzjoni Russa, il-Montenegro, ir-Renju Unit. Il-bastimenti f'ankraġġ esklużi wkoll.


Sors: Thetis (EMSA)

L-għadd ta' bastimenti individwali spezzjonati fl-2023 minn uffiċjali tal-PSC fl-UE żdied b'4 % meta mqabbel mal-2019. **Bejn wiehied u ieħor wiehied minn kull żewġ nuqqasijiet misjuba kien relatat mas-sigurtà**, b'nuqqasijiet relatati mas-sigurtà kontra n-nirien huma dawk li jġu rrapportati l-aktar ta' spiss, irrappettivament mit-tip ta' bastiment.

Fl-2023, 77 % tal-bastimenti kollha li jtajru bandiera mhux tal-UE li jidħlu fil-portijiet tal-UE kienu fuq il-lista l-bajda tal-MoU ta' Pariġi u 4 % ġew irreġistrati għall-bnadar bi kwistjonijiet sinifikanti ta' sigurtà, elenkati fuq il-lista s-sewda tal-MoU ta' Pariġi.

Madankollu, fl-2023, il-bandiera tal-Panama mxiet mil-lista l-bajda għal-lista l-griża (li tindika xi kwistjonijiet ta' sigurtà) skont il-klassifikazzjoni tal-MoU ta' Pariġi. Il-bastimenti rreġistrati fil-Panama kienu jikkostitwixxu t-tieni l-akbar għadd ta' waqfiet fil-port fl-UE – aktar minn 115 000 bejn l-2019 u l-2023. Dan ifisser li **s-sehem tal-bastimenti fil-lista l-griża żdied minn 5 % fl-2020 għal 19 % fl-2023**.

**Figura 17:** Id-distribuzzjoni ta' bastimenti li jtajru bandiera mhux tal-UE li jidħlu fil-portijiet tal-UE: Il-MoU ta' Pariġi "Il-lista l-bajda, il-griża u s-sewda" (2023).



Sors: EMSA

L-ewwel tliet bnadar fil-lista ta' bnadar mhux tal-UE għall-bastimenti li jżuru l-portijiet tal-UE kienu dawk tal-Liberja, tal-Panama, u tal-Antigwa u l-Barbuda.

## Il-Hazmat

Id-dikjarazzjoni inkorretta ta' merkanzija perikoluża u li tniġġes (hazmat) toħloq riskji sinifikanti għall-ekwipaġġ, il-merkanzija u l-portijiet ta' akkoljenza. Fl-2023, **14 % tal-bastimenti li jgħorru l-hazmat u li jaslu f'portijiet tal-UE minn portijiet u terminals mhux tal-UE kienu mmarkati lejn pajjiżi mhux tal-UE elenkati fil-lista l-griża u s-sewda**.

B'mod aktar pożittiv, il-perċentwal ta' hazmat mhux iddikjarat naqas bi kważi 50 % mill-2019 għall-wasliet minn portijiet mhux tal-UE. Fl-2023, il-perċentwal tad-dikjarazzjonijiet nieqsa tal-hazmat fis-sistema Ewropea ta' monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti, SafeSeaNet, kien ta' madwar 4 % għall-bastimenti li jtilqu mill-portijiet tal-UE, u b'mod simili madwar 4 % għall-bastimenti li jaslu minn portijiet mhux tal-UE.


## L-Istat kostali



© Johner Bildbyra AB/ Getty Images

L-Istati Membri tal-UE, fil-kapaċità tagħhom bħala stati kostali, jissorveljaw u jirregolaw l-attivitajiet marittimi fl-ilmijiet tagħhom, b'mod partikolari biex jipprevjenu aċċidenti u ħsara ambjentali u biex jappoġġaw in-network ta' komunikazzjoni marittima. Bejn l-2019 u l-2023, bħala medja seħħew 1 631 aċċident kull sena fl-ilmijiet territorjali tal-UE, li rriżultaw f'1 018-il operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ (SAR) irrapportati matul dak il-perjodu.

**Figura 18:** L-għadd totali ta' bastimenti li jeħtieġu intervent tas-SAR, fl-ilmijiet tal-UE – aċċidenti li jinvolvu mill-inqas bastiment wieħed li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru tal-UE (2019–2023).



Sors: EMCIP (EMSA)



Globalment, u fi ħdan l-UE, ir-responsabbiltajiet tas-SAR huma ġestiti fil-livell nazzjonali u huma ffaċilitati permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni f'reġjuni differenti tal-UE. Bejn l-2019 u l-2023, 13 % tal-interventi tas-SAR fl-ilmijiet tal-UE involvew bastimenti li jtajru bandiera ta' pajjiżi mhux tal-UE.

Mill-2019 sal-2023, il-bastimenti tas-sajd ammontaw għal 58 % tal-operazzjonijiet kollha tas-SAR, li jfisser li, meta dan is-sehem ikun korrelat mal-għadd ta' bastimenti tas-sajd involuti f'aċċidenti, mill-inqas **36 % tal-bastimenti tas-sajd kollha f'diffikultà kienu jeħtieġu l-intervent tas-SAR matul dan il-perjodu.**

Kwistjoni emerġenti fis-SAR hija l-isfida tal-operazzjonijiet f'żoni remoti, speċjalment għall-vapuri tal-passiġġieri minħabba n-numru kbir ta' persuni li jgħorru. In-numru dejjem akbar ta' bastimenti tal-kruċiera li jżuru reġjuni polari (l-Artiku u l-Antartiku) jżid ir-riskju ta' operazzjonijiet tas-SAR. It-tnejn għal dawn l-isfidi hija kruċjali għall-komunità marittima.

## Il-baħħara u s-sigurtà



© Thomas M. Barwick INC / Getty Images

Baħħara kkwalifikati huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-operazzjonijiet tal-bastimenti u huma vitali għall-futur tas-settur marittimu fl-UE. Madankollu, **il-ġabra ta' ħaddiema marittimi disponibbli tidher li qed tonqos.**

Sa tmiem l-2023, 172 308 kaptan u uffiċjal kellhom ċertifikati ta' kompetenza (CoCs) validi maħruġa minn Stat Membru tal-UE. Dan kien tnaqqis ta' 20 % mill-2019, iżda tnaqqis ta' 7 % meta jitqies l-effett tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE. Fl-istess ħin, 125 519-il kaptan u uffiċjal ieħor kellhom CoCs oriġinali maħruġin minn pajjiżi mhux tal-UE — żieda ta' 4 % mill-2019 — b'approvazzjonijiet maħruġa mill-Istati Membri tal-UE li jattestaw ir-rikonoxximent tagħhom.

B'mod ġenerali, sa tmiem l-2023, 297 827 kaptan u uffiċjal kellhom iċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet meħtieġa biex iservu abbord bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE, **tnaqqis ta' 12 % meta mqabbel mal-2019.**

Fl-istess sena, l-età medja tal-baħħara eliġibbli biex jaħdmu fuq bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE kienet ta' 44 għal dawk iċ-ċertifikati fl-Istati Membri tal-UE u ta' 41 għal dawk iċ-ċertifikati f'pajjiżi mhux tal-UE. Barra minn hekk, is-sehem tan-nisa fil-professjoni tat-tbaħħir għadu baxx ħafna, f'livell ta' 2.78 % tal-baħħara kollha disponibbli ċertifikati fl-UE fl-2023, u 0.8 % biss ta' dawk iċ-ċertifikati f'pajjiżi mhux tal-UE.

## Il-baħħara: il-kundizzjonijiet tax-xogħol u t-taħriġ

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-baħħara jibqgħu ta' sfida. In-nuqqasijiet fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħhom, inklużi s-siġhat **tax-xogħol u tal-mistrieħ, il-pagi u l-livelli ta' persunal skont il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu (MLC), Titolu 2**, jinsabu f'waħda minn kull 13-il spezzjoni tal-PSC tal-MoU ta' Pariġi, bħala medja. Bejn l-2019 u l-2023, waħda minn kull erba' spezzjonijiet tal-PSC sabet nuqqasijiet taħt il-kategorija MLC tal-kura tas-saħħa, il-protezzjoni tas-sigurtà u l-prevenzjoni tal-aċċidenti tal-baħħara (Titolu 4) fir-rapporti tal-MoU ta' Pariġi. Aktar minn 60 % tan-nuqqasijiet relatati mal-MLC skoperti fil-perjodu ta' referenza nstabu abbord bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa jew bastimenti tal-merkanzija ġenerali, u madwar 13 % abbord tankers.

It-taħriġ tal-baħħara huwa parti importanti mill-proċess ta' sigurtà. Il-Kummissjoni, assistita mill-EMSA (li twettaq l-ispezzjonijiet), tivvaluta s-sistemi edukattivi implimentati f'pajjiżi mhux tal-UE f'isem l-Istati Membri tal-UE u f'konformità mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Istandards taċ-Ċertifikazzjoni tat-Taħriġ u l-Għassa għall-Baħħara.

Għal dan il-għan, **51 pajjiż mhux tal-UE kellhom is-CoCs li huma joħorġu rikonoxxuti mill-Istati Membri tal-UE**, li jippermettu lill-baħħara tagħhom jaħdmu abbord bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE.

## Is-sigurtà u s-sostenibbiltà



© SHansche/Getty Images

Sabiex jintlaħqu l-miri tal-emissjonijiet stabbiliti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, is-settur marittimu jrid jadotta fjuwils u teknoloġiji tal-enerġija alternattivi filwaqt li jiżgura s-sigurtà tal-bastimenti. Dawn is-sorsi tal-enerġija ġodda jistgħu jgħorru riskji sinifikanti, li jeħtieġu miżuri robusti ta' sigurtà u disinji intrinsikament aktar sikuri.

Mill-2019 sal-2023, l-għadd ta' bastimenti lesti għall-**gass naturali likwifikat (LNG)** (minbarra t-trasportaturi tal-LNG) żdied b'aktar minn tliet darbiet fid-dinja kollha, b'34 % jaħdmu fl-Ewropa. L-LNG huwa kopert bis-sħiħ mill-Kodiċi Internazzjonali tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti Oħrajn b'Punt ta' Fjammabbiltà Baxx, li jstabbilixxi standards tas-sigurtà fil-livell internazzjonali għall-fjuwils b'punt ta' fjammabbiltà baxx u għall-fjuwils gassużi.

L-**idroġenu**, filwaqt li jaqa' taħt il-kodiċi ta' hawn fuq, ma għandux dispożizzjonijiet speċifiċi li jindirizzaw ir-riskju għoli ta' fjammabbiltà u ta' splużjoni tiegħu. L-abbozz tal-linji gwida mhux obligatorji tal-OMI għall-bastimenti li jaħdmu bl-idroġenu huwa mistenni sal-2026. Sadanittant, l-EMSA ħarġet [studju dwar il-potenzjal tal-idroġenu bħala fjuwil fit-trasport marittimu](#), segwit minn [serje ta' studji ddedikati dwar l-aspetti tas-sigurtà tiegħu](#).

L-użu tal-**metanol** qed jespandi u diġà huwa indirizzat mil-linji gwida interim tal-OMI (MSC.1/Circ.1621), li se jissaħħu fis-snin li ġejjin hekk kif tinkiseb aktar esperjenza bl-użu tiegħu bħala fjuwil fit-tbaħħir. Biex tkompli tassisti lil dawk li jfasslu l-politika u lill-industrija, l-EMSA ppubblikat studju dwar [il-potenzjal tal-fjuwils sintetiċi fit-trasport marittimu](#), inkluż l-e-metan u l-e-metanol, u [gwida dwar il-bunkering li tinkludi l-metanol b'sors bijoloġiku](#).

L-**ammonijaka** tinsab fi stadju bikri tal-adozzjoni, mingħajr ebda użu kummerċjali fil-preżent u tħassib serju dwar it-tossiċità. Fl-2024, l-OMI approvat linji gwida interim mhux obligatorji għall-ammonijaka (MSC.1/Circ.1687), li jipromwovu l-użu sikur tagħha bħala fjuwil. B'mod parallel, u biex tappoġġa lil dawk li jfasslu l-politika u lill-industrija, l-EMSA ħarġet studju li janalizza [l-potenzjal tal-ammonijaka bħala fjuwil fit-tbaħħir](#), u [serje ta' studji li tinvestiga u tanalizza s-sigurtà tagħha](#).



Il-**bijofjuwils** bħad-DME, il-FAME, id-diżil FT u l-HVO ma joħlqu l-ebda tħassib kbir dwar is-sigurtà, ogħla minn dak tal-fjuwils fossili tradizzjonali. Biex tindirizza lakuna fl-istandardizzazzjoni tal-proċeduri għall-bunkering marittimu tal-bijofjuwil, [l-EMSA ppubblikat dokument gwida](#) li jinkludi listi ta' kontroll għal fażijiet u konfigurazzjonijiet differenti tal-bunkering.

L-użu ta' **gass likwifikat miż-żejt** huwa gwidat mil-linji gwida interim tal-OMI tal-2023 (MSC.1/Circ.1666).

Il-**ċelloli tal-fjuwil** ukoll iqajmu kwistjonijiet ta' sigurtà minħabba tnixxijiet potenzjali, b'linji gwida mhux obligatorji fis-seħħ (MSC.1/Circ.1647) li għandhom jiġu riveduti u kkonsolidati fil-futur.

Il-**batteriji** qed jintużaw dejjem aktar fi vjaġġi ta' medda qasira, iżda għad hemm nuqqas ta' standards internazzjonali dwar is-sigurtà. Fl-2023, l-EMSA ħarġet [l-ewwel gwida mhux obligatorja għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u għall-industrija](#) bl-għan li jiġu implimentati b'mod uniformi r-rekwiżiti tas-sigurtà essenzjali għas-sistemi tal-ħżin tal-enerġija tal-batteriji abbord il-bastimenti. Il-gwida tiffoka fuq il-batteriji tal-lithium-ion, li jirrappreżentaw it-teknoloġija tal-batteriji l-aktar użata fl-applikazzjonijiet marittimi.

Barra minn hekk, **il-konnessjoni tal-bastimenti mal-enerġija fuq l-art** tintroduċi riskji ta' interfaċċa, li jeħtieġu ġestjoni bir-reqqa. Għalhekk, l-EMSA ppubblikat [il-gwida tagħha dwar l-elettriku mix-xatt](#) biex tassisti lill-amministrazzjonijiet nazzjonali fl-ippjanar u fl-iżvilupp ta' għażliet tal-elettriku mix-xatt.

## Is-sigurtà u l-awtonomija

Hekk kif l-industrija tat-tbaħħir qed tibqa' miexja lejn żieda fl-awtomatizzazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju hija kruċjali għall-valutazzjoni ġenerali tas-sigurtà u għall-verifika ta' disinji ġodda ta' vapuri tal-wiċċ awtonomi marittimi (MASS) u għandha tiġi eżaminata b'mod olistiku, filwaqt li jitqiesu l-perikli assoċjati mat-tqassim fiżiku, it-tħaddim, il-kontroll tal-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju u l-manutenzjoni.

Mil-lat regolatorju, sar progress fl-iżvilupp tal-Kodiċi MASS tal-OMI mhux obligatorju. Fl-istess ħin, biex tappoġġa evalwazzjonijiet konsistenti tas-sigurtà, l-EMSA żviluppat metodoloġija bbażata fuq ir-riskju mfassla apposta (inkluża fl-abbozz tal-Kodiċi MASS tal-OMI) u għodda ta' software pilota assoċjata (l-Għodda ta' Valutazzjoni Bbażata fuq ir-Riskju) biex tassisti lill-amministrazzjonijiet marittimi u lill-industrija fl-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' elementi kritiċi għas-sigurtà fid-disinji bikrija tal-MASS.

F'termini tal-operat sikur tal-bastimenti awtomatizzati, għaddejnin diskussjonijiet dwar l-implikazzjonijiet li dan se jkollu għall-baħħara u għat-taħriġ tagħhom. Biex tappoġġa dawn id-diskussjonijiet, l-EMSA pproduċiet [rapport dwar l-identifikazzjoni tal-kompetenzi għall-operazzjonijiet tal-MASS f'ċentri ta' kontroll mill-bogħod](#). Għall-ġejjieni, l-element uman se jkun kruċjali fl-iżvilupp u fit-tħaddim ta' dawn il-vapuri u taċ-ċentri ta' kontroll mill-bogħod assoċjati magħhom.

## Konklużjonijiet

L-Unjoni Ewropea bniet sistema ta' sigurtà marittima b'saħħitha u komprensiva matul dawn l-aħħar deċennji. Filwaqt li nkiseb progress sinifikanti, għad fadal bosta sfidi, li jagħmluha ċara li ż-żamma — u t-tiġih ulterjuri — ta' din is-sistema mhumiex fakultattivi. Pjuttost, huwa essenzjali li tiġi evitata rigressjoni lejn l-era ta' tbaħħir substandard, li kien ikkaratterizzat minn aċċidenti serji, ħsara ambjentali u t-telf ta' ħajjiet umani. B'mod kruċjali, it-trasport marittimu jkompli jkollu rwol kritiku fl-ekonomiji globali u tal-UE, b'żieda fil-volumi tal-kummerċ u fit-traffiku tal-passiġġieri li jissottolinjaw il-ħtieġa għal bastimenti aktar sikuri u effiċjenti.

Il-qafas leġiżlattiv armonizzat tal-UE jiżgura implimentazzjoni u infurzar konsistenti fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jikkomplementa l-konvenzjonijiet internazzjonali. Dan l-approċċ integrat jibqa' vitali biex jiġu ggarantiti standards ta' sigurtà għoljin, anki hekk kif dinamiċi globali — bħat-tendenza lejn il-bini tal-bastimenti lejn l-Asja — jintroduċu dipendenzi u vulnerabbiltajiet ġodda għall-industrija marittima tal-UE.

Minkejja tnaqqis ta' 16 % fl-aċċidenti rreġistrati mill-2019, għad iridu jiġu indirizzati diversi perikli. Inċidenti potenzjali ta' nirien fuq ro-pax u HSC jibqgħu jqajmu tħassib, b'mod partikolari minħabba li ħafna vapuri tal-passiġġieri qed jiqdiemu. Id-dikjarazzjoni inkorretta ta' merkanzija perikoluża naqset b'50 %, u dan jirrifletti l-progress fl-infurzar u fis-sensibilizzazzjoni, għalkemm jippersistu diskrepanzi fil-konformità fir-rigward ta' għadd żgħir ta' bastimenti.

L-isfidi relatati mal-forza tax-xogħol huma ta' theddida sinifikanti għas-sostenibbiltà tas-sigurtà marittima. Mill-2019, kien hemm tnaqqis ta' 12 % fl-għadd ta' kaptani u uffiċjali disponibbli fl-UE. Hemm ukoll tħassib dwar forza tax-xogħol li qed tixjieħ u l-kapaċità tal-industrija li tattira ġenerazzjonijiet ġodda ta' baħħara. Minkejja l-età medja stabbli tal-baħħara, li tissuġġerixxi li parteċipanti ġodda qed jissostitwixxu lil dawk li jtilqu mill-karriera, l-attrazzjoni tas-settur tibqa' baxxa, u hija partikolarment affettwata mill-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord il-bastimenti. L-ispezzjonijiet tax-xogħol regolarment jiżvelaw nuqqasijiet fil-benessri tal-ekwipaġġ, b'mod partikolari fuq bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa u bastimenti tal-merkanzija. Dawn il-kwistjonijiet jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti għal investiment kontinwu fit-taħriġ u fit-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol.

L-introduzzjoni ta' fjuwils alternattivi toffri opportunitajiet għal tnaqqis tal-emissjonijiet, iżda tintroduċi wkoll riskji ġodda għas-sigurtà. Ir-Regolament Marittimu FuelEU (ir-Regolament (UE) 2023/1805), li daħal fis-seħħ fl-2025, jistabbilixxi miri ambizzjużi ta' tnaqqis tal-gassijiet serra, li jirrikjedu tfassil sikur tal-bastimenti, valutazzjonijiet tar-riskju rigorużi u taħriġ kontinwu tal-baħħara. L-EMSA diġà ħadet passi f'dan ir-rigward billi ppubblikat gwida dwar is-sigurtà tal-batteriji u kkontribwixxiet għall-iżvilupp tal-istandards tal-OMI.

Is-sigurtà tal-vapuri tal-passiġġieri, b'mod partikolari fl-operazzjonijiet domestiċi, tibqa' prijorità ewlenija għall-UE. Madankollu, il-progress huwa mxekkel mill-iżvilupp bil-mod ta' standards aġġornati tas-sigurtà u mill-implimentazzjoni inkonsistenti tagħhom mill-Istati Membri. Riskji potenzjali ġodda, bħal nirien ta' vetturi elettriċi abbord bastimenti ro-ro, jistħoqqilhom attenzjoni.

Din it-tieni edizzjoni ta' Emsafe tkopri l-ewwel sentejn tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Matul dak iż-żmien, il-“flotta mdella” saret dejjem aktar preżenti fil-ilmijiet Ewropej b'ħala mezz ta' trasport taż-żejt Russu sanzjonat. Dawn il-bastimenti ġeneralment ma jidhru fil-portijiet tal-UE u ma jkunux taħt il-bnadar tal-Istati Membri tal-UE. Għalhekk, dawn jeżistu barra mir-reġimi ta' spezzjoni tas-soltu tal-UE, u huma opaki f'termini tal-prestazzjoni ta' sigurtà tagħhom. Barra minn hekk, il-kompożizzjoni ta' din il-flotta hija pjuttost dinamika, b'bidliet frekwenti fil-bandiera. Ir-riskju li dawn joħlqu għall-kosti tal-UE huwa diffiċli biex jiġi vvalutat, iżda l-inċertezza waħidha tikkostitwixxi riskju. L-edizzjoni li jmiss tal-Emsafe tista' tikkunsidra l-impatt ta' dan l-iżvilupp minn perspettiva ta' sigurtà marittima jekk issir disponibbli data aktar affidabbli.

Fil-qosor, ix-xenarju tas-sigurtà marittima tal-UE qed jidhru f'perjodu ta' trasformazzjoni rapida. L-innovazzjoni teknoloġika, l-ambizzjoni ambjentali u r-realtajiet operazzjonali li qed jevolvu jeħtieġu approċċ integrat li jħares 'il quddiem. Madankollu, minħabba l-profil tal-flotta, il-bastimenti qodma se jikkoeżistu għal perjodu twil ta' żmien ma' disinji aktar ġodda. L-EMSA se tibqa' sieħeb ewlieni fin-navigazzjoni ta' dawn l-isfidi, filwaqt li tiżgura li l-ibħra tal-Ewropa jibqgħu sikuri, reżiljenti u sostenibbli għad-deċennji li ġejjin.

# DWAR L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SIGURTÀ MARITTIMA

Il-missjoni tal-EMSA hija li taqdi l-interessi marittimi tal-UE għal settur marittimu sikur, ekoloġiku u kompetittiv u li taġixxi bħala punt ta' referenza affidabbli u rrispettat fis-settur marittimu fl-Ewropa u madwar id-dinja. Ibbażati f'Lisbona, aħna naħdmu fuq is-sigurtà marittima, is-sikurezza, is-sostenibbiltà, id-diġitalizzazzjoni, u l-bini tal-kapaċità, fost kompiti oħra, b'appoġġ sħiħ tal-Istati Membri tal-UE u tal-Kummissjoni Ewropea.

## Agħmel kuntatt għal aktar informazzjoni

### L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

Praça de Europa 4,  
1249-206 Lisbona,  
il-PORTUGALL

**Tel.:** +351 211 209 200

**Internet:** [emsa.europa.eu](https://emsa.europa.eu)

**Mistoqsijiet:** [emsa.europa.eu/contact](https://emsa.europa.eu/contact)

**Media soċjali:** [emsa.europa.eu/newsroom/connect](https://emsa.europa.eu/newsroom/connect)